MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 294/2005

**App. Nru. 294/05 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ivan Duncan**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ivan Duncan talli fit-8 ta' Ottubru 1999, wara intervent u tfittxija li saret mill-ufficjali tal-pulizija fil-fond 'Victoria Band Club', Misrah il-Parrocca, Mellieha, instab li kellu depozitati ghandu tliet fliexken vodka tal-litru tal-marka 'Smirnoff', u dan bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern, dazju li jkun imissu thallas u/jew biex jehles minn xi limitazzjoni, u/jew billi b'xi mod jiddisponi minn dawn l-oggetti. Ix-xorb in

kwistjoni, li gie maqbud bin-nota ta’ qbid numru 45/2000, ghandu valur ta’ Lm4.20 dazju ta’ importazzjoni ta’ Lm0.34c, u dazju tas-sisa ta’ Lm12.60c, liema dazji ma gewx imhallsa jew kawtelati;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta’ Ottubru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Ivan Duncan hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u lliberatu minnha;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fit-28 ta’ Ottubru 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib u tiddikjara lill-appellat hati u tinfliggi l-piena skond il-ligi, inkluz l-ordni ta’ konfiska tax-xorb in kwistjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-Avukat Generali huwa fis-sens illi l-ewwel Qorti erronejament illiberat lill-appellat mill-imputazzjoni migjuba kontra tieghu ghaliex irriteniet li mill-provi, ghalkemm irrizulta li l-appellat zamm ghandu jew laqa’ ghandu oggett li fuqu ma thallasx dazju, ma rrizultax li huwa kellu xi rabta mal-Victoria Band Club fejn instabu l-oggetti in kwistjoni, imma kien responsabbli biss ghall-Victoria Bar. Jghid illi dwar il-fatti ammessi mill-appellat, kjarament jirrizulta li hemm l-elementi kollha mehtiega skond il-ligi sabiex tissussisti htija.

L-appellat jirribatti illi (1) ma ngabitx prova illi x-xorb in kwistjoni kien fil-pussess tieghu izda li kien fil-pussess tal-Victoria Band Club, (2) l-ammissjoni tieghu trid tittiehed biss bhala prova flimkien mal-provi l-ohra prodotti u li m’ghandux jinstab hati ta’ reati li mhux akkuzat bihom jew li fir-realta` qatt ma setghu gew kommessi minnu; huwa dejjem sahaq illi ma kellux x’jaqsam mar-reati in kwistjoni u li ma kellux x’jaqsam mat-tmexxija tal-Band Club, qatt ma ghamel ordni ghax-xorb mertu tal-kawza, qatt ma laqa’

ghandu dak ix-xorb u qatt ma hallas ghall-istess u ammetta biss ghax kien ansjuz hafna wara sitt snin u l-ufficjal prosekutur qabel li jinghata jum wiehed ta' prigunerija sospiza; (3) Edward Vella xehed illi gieli biegh fliexken tal-litru lil Victoria Band Club, mela mhux lill-appellat; (4) kemm-il darba din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, qieghed jirtira l-ammissjoni tieghu registrata quddiem l-ewwel Qorti fit-2 ta' Marzu 2005; (5) minflok ma tghaddi ghas-sentenza din il-Qorti, jitlob li l-atti jintbaghtu quddiem l-ewwel Qorti sabiex ma jigix pregudikat il-beneficcju tad-doppju ezami.

Din il-Qorti, wara li ezaminat il-process u kkunsidrat is-sottomissjonijiet kollha tal-partijiet, hija tal-fehma illi l-appell jimmerita li jigi milqugh.

Il-kwistjoni principali tirrigwarda l-ammissjoni rregistrata mill-appellat fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2005 quddiem l-ewwel Qorti meta kien debitament assistit mid-difensur tieghu Dott. Stefano Filletti u meta, mill-verbal ta' dik is-seduta, jirrizulta illi l-unici sottomissjonijiet li saru kienu dwar il-piena. Ghal xi raguni, l-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha, mhux biss skartat din l-ammissjoni izda lanqas biss ghamlet referenza ghaliha bhallikieku qatt ma kienet saret. L-appellat qieghed issa jippretendi li jirtira dik l-ammissjoni. Mela hawn ghandna sitwazzjoni fejn fil-bidu tal-proceduri l-appellat iddikjara li mhux hati, wara li ntemmew il-provi tal-prosekuzzjoni ddikjara ruhu hati u issa qieghed jipprova jirtira tali ammissjoni. Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta v. Carmel Attard** moghtija minn din il-Qorti fil-gurisdizzjoni superjuri taghha fis-26 ta' April 2001 li tirrigwarda ammissjoni skond l-artikolu 453(1) tal-Kap. 9 quddiem il-Qorti Kriminali <u>qabel</u> il-hatra tal-guri (applikabbli ghall-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja bis-sahha ta' l-artikolu 392A tal-Kap. 9 – meta l-akkuzat jistqarr li hu hati <u>waqt l-ezami</u>), liema artikolu mhuwiex rez applikabbli minn xi disposizzjoni tal-Kodici Kriminali ghall-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, izda mil-liema sentenza jista' jinstilet parallel:

**“Fis-sistema penali taghna hadd m’huwa obbligat illi jammetti l-htija tieghu kemm jekk hu akkuzat quddiem il-Qrati tal-Magistrati, kif ukoll jekk permezz ta’ Att ta’ Akkuza quddiem l-Onorabbli Qorti Kriminali. Is-sistema legali taghna mhux biss tipprovdi ghal protezzjoni ta’ l-akkuzat billi fl-ewwel lok tipprezumih innocenti sakemm misjub hati, imma taghmilha tassattiva li jekk ikun jixtieq ikun difiz permezz ta’ avukat li jaghzel hu, li jekk m’ghandux mezzi biex jipprokura avukat dan jigi provdut lilu, u li, anke jekk wara li jinqrawlu l-akkuzi migjuba kontrih huwa jiddeciedi li jammetti, il-Qorti li tkun ma tistax tghaddi biex tirregistra l-ammissjoni ta’ htija qabel ma twissih serjament dwar il-konsegwenzi li ggorr maghha tali ammissjoni, tispjegalu dak li hu necessarju li jigi spjegat, u ttih zmien wara li tistiednu biex jahsibha mill-gdid biex jara jekk iridx isostni l-ammissjoni tieghu jew jekk jippreferix illi jirtira dik l-ammissjoni u jikkontesta l-akkuzi migjuba kontrih, in toto jew in parte.**

**Dan kollu qieghed fil-Kodici Kriminali ghaliex il-gustizzja hekk tirrikjedi, u certament id-disposizzjonijiet relativi jezistu fil-Kodici Kriminali taghna biex tigi tutelata l-gustizzja fil-process kriminali u anke d-drittijiet ta’ l-akkuzat.**

**Kif inghad l-akkuzat li jkun huwa liberu li jirrispondi jekk hux hati jew le ghall-akkuzi migjuba kontrih, u anke li ma jirrispondix. Pero` ma tistax tigi tollerata sistema fejn l-akkuzat li jkun, wara li jammetti u jirribadixxi l-ammissjoni tieghu wara li l-Qorti tkun tatu l-monitu rikjest ta’ l-artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali jerga’ jibdielu u jitlob li jirtira l-ammissjoni tieghu bhallikieku qatt ma kien xejn sakemm ma jkunx hemm verament raguni valida li tipprevali. Wisq u wisq aktar din il-Qorti ma tistax tittollera sitwazzjoni fejn l-appellant jippretendi li jgib il-quddiem pretest li abbazi tieghu jitlob li jkollu l-facilita` jew il-fakolta` li jirtira l-ammissjoni tieghu debitament maghmula u registrata minghajr ma, almenu, igib prova li dik l-ammissjoni hija nficjata minn xi fattur serju daqstant**

**li legalment il-Qorti tkun obbligata li tiehdu in konsiderazzjoni.**

**Aktar milli fil-fatt hu rilevanti f'dan il-kaz jekk l-appellant kienx assistit mill-avukat tieghu fil-kors kollu tal-proceduri, u aktar milli hu importanti l-fatt illi l-ammissjoni saret wara li nghata l-monitu u z-zmien mill-Qorti msemmija fl-artikolu msemmi, huwa determinanti l-fatt illi l-appellanti semplicement ghamel allegazzjoni li l-ammissjoni tieghu saret fi stat ta' agitazzjoni tal-mohh meta hu kien ihossu mhedded u mbezza', f'cirkostanzi fejn ma hemm xejn x'jindika li dan kien hekk, u meta m'huwiex qieghed joffri prova, zghira kemm hi zghira, ta' daqshekk, anqas ta' l-istess xhieda tieghu. Hu ovvju li tkun qed taghmel zball kbir din il-Qorti, kif kienet tkun ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti, kieku fuq is-semplici sottomissjoni ta' l-appellant, f'mument fejn kien jaqbillu jghid hekk, cioe`, li l-ammissjoni tieghu hu kien ghamilha ghax kien imbezza', il-Qorti tghaddi biex takkolji t-talba tieghu biex tigi kancellata l-ammissjoni debitament maghmula u registrata skond il-ligi bhallikieku din qatt ma saret."**

Dak li ntqal fil-bran appena citat jista' jinghad li japplika *mutatis mutandis* ghall-kaz odjern. L-appellat jallega li ammetta peress illi l-kawza damet 'il fuq minn sitt snin tittawwal b'differimenti fil-vojt, li tul dan iz-zmien tilef hafna xoghol, kien ansjuz hafna u sahhtu kienet sejra ghall-aghar u l-ufficjal prosekutur qabel li jinghata jum wiehed ta' prigunerija sospiza bhala piena. Din il-Qorti tosserva illi l-prosekuzzjoni setghet facilment tipproduci x-xhieda taghha (sitta b'kollox) f'seduta wahda, l-aktar tnejn. Pero` jirrizulta wkoll illi tul il-perkors taghha din il-kawza, li kienet originarjament assenjata lill-Magistrat Dott. Michael Mallia, giet assenjata lill-Magistrat Dot. Giovanni Grixti minhabba r-ridistribuzzjoni tax-xoghol. Barra minn hekk inghataw zewg differimenti fuq talba tad-difiza u wiehed mix-xhieda, Alfred Micallef, dam biex jigi notifikat. B'kollox, sakemm gew terminati l-provi tal-prosekuzzjoni, il-kawza damet mill-25 ta' Jannar 2001 sas-17 ta' Novembru 2004 (kwazi tliet snin u ghaxar xhur). F'din l-ahhar data, il-

prosekuzzjoni talbet differiment sabiex l-Ispettur Magri jkun jista’ jghid jekk fadallux provi jew le u l-Qorti, gustament, cahdet it-talba u halliet il-kawza ghat-2 ta’ Marzu 2005 ghall-provi tad-difiza. Bejn is-17 ta’ Novembru 2004 u t-2 ta’ Marzu 2005, l-appellat kellu zmien bizzejjed biex jipprepara l-kaz tieghu u jitlob li jitharrku x-xhieda kollha li dehrlu mehtiega izda, minflok, ghazel li jammetti. M’hemm xejn x’jindika li tali ammissjoni ma kinitx wahda volontarja. L-allegazzjonijiet tieghu li kien ansjuz hafna b’din il-kawza u li sahhtu kienet sejra ghall-aghar huma biss allegazzjonijiet u mhux ta’ min wiehed jiehu bis-serjeta` anke in vista tal-fatt li huwa stess qieghed jitlob illi jekk din il-Qorti tirrevoka s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti, terga’ tibghat l-atti quddiem l-ewwel Qorti sabiex ma jitlifx il-beneficcju tad-doppju ezami.

Konsegwentement id-dikjarazzjoni ta’ l-appellat li biha jippretendi li jirtira l-ammissjoni tieghu mhijiex qed tigi akkolta.

Din il-Qorti ma tistax ukoll ma tikkummentax fuq il-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti li tillibera lill-appellat ghax qalet li m’hemmx prova li torbtu mal-Victoria Band Club, konkluzjoni li, a bazi tal-fatti hija zbaljata.

Il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hi fis-sens li c-citazzjoni mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti. Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Buttigieg** fil-25 ta’ Lulju 1994, intqal:

**“L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista’ tghid univoku u gie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma’ appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta’ Dicembru, 1948 fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E.* (Vol.XXXIII.iv.758) li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data li jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art. 360(1)).**

**Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: *'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore'* (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba 1-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni <u>principali</u> tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet *I1-Pulizija vs Noel Zarb Adami*).”**

U bhalma qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza moghtija fl-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emanuel Buttigieg:**

**“Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita` taghha, jew tal-proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticita`' u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe` biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun gie mharrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall-imputazzjoni dedotta.**

**.....**

**Dan kollu premess ifisser li c-citazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati qatt ma tista' tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F'ebda kaz dik ic-citazzjoni ma ggib in-nullita` tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza.”**

U fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Philip Schembri** moghtija fit- 18 ta’ Novembru 1994 minn din il--Qorti (diversament presjeduta), gie spjegat:

**“Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b’mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il-htiega ta’ tigbid ta’ kliem jew immaginazzjoni, jigifieri b’mod li l-imputat ikun jaf ta’ liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb.”**

Fil-kaz in ezami m’hemmx dubju li l-fatti tal-kaz huma ben spjegati. L-appellat kien jaf precizament dwar x’hiex qieghed jigi akkuzat, u cioe` l-pussess ta’ tliet fliexken vodka “Smirnoff” li fuqhom ma kienx thallas dazju. Huwa sa certu punt immaterjali jekk kinux fil-Victoria Band Club jew fil-Victoria Bar. L-appellat stess, fl-istqarrija tieghu tad-9 ta’ Ottubru 1999 – u kuntrarjament ghal dak li jsostni fir-rikors ta’ appell tieghu – jghid illi l-fliexken in kwistjoni kien xtrahom hu minghand l-agent C. Vella tal-Mellieha. U meta xehed Edward Vella, huwa kkonferma li kien biegh fliexken tal-litru tal-vodka lill-appellat.

F’dawn ic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti sejra tirrevoka s-sentenza appellata u, sabiex ma tipprivax lill-appellat mill-beneficcju tad-doppju ezami, sejra tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirrevoka s-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet, u specjalment lill-appellat, mill-beneficcju tad-*doppio esame*, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali sabiex l-appellat jerga’ jitpogga fil-pozizzjoni li kien fiha immedjatament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata sabiex terga’ tinghata sentenza mill-gdid skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------